TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/625/09/S

Marie Cassar Demajo
Vs
Frankie Galea

Illum 2 ta' Marzu, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Marie Cassar Demajo datata 30 ta' Diċembru, 2009 filwaqt li l-intimat Frankie Galea għalkemm debitament notifikat, baqa' ma weġibx għat-talba rikorrenti;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni tagħha fis-27 ta' Jannar, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xogħolijiet fir-residenza tar-rikorrenti li damu għaddejjin u l-istess rikorrenti kienet waqfitu. Ir-rikorrenti qed titlob id-differenza bejn id-depożitu li kienet ħallset lill-intimat u l-valur tax-xogħol imwettaq mill-intimat kif ukjoll qed titlob ammont ulterjuri għal xi ħsarat u petrol;

Illi t-talba tar-rikorrenti ma ġietx kuntradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi dan it-Tribunal għandu quddiemu biss il-verżjoni tar-rikorrenti li flimkien mad-dokumenti ppreżentati, jikkonfermaw li l-intimat baqa' ma lestiex dak miftiehem mar-rikorrenti;

Illi l-intimat kellu żmien biżżejjed biex jidher quddiem dan it-Tribunal u jekk irid, jikkontesta dak mitlub mir-rikorrenti;

Illi min-naħha l-oħra, t-Tribunal irid jifli dak mitlub mir-rikorrenti kemm fir-rigward tat-talba u sussegwentement jekk jintlaqa', fir-rigward tal-ammonti mitluba;

Illi r-rikorrenti kkonfermat li fuq struzzjonijiet tagħha, l-avukat tagħha waqqaf lill-intimat milli jkompli x-xogħol minhabba d-dewmien mit-tlestija tax-xogħolijiet;

Illi fir-rigward tal-kalkoli dwar dak mitlub, jekk titnaqqas is-somma ta' €4368.74 rappreżentanti l-valur tax-xogħol imwettaq hekk kif stabbilit mill-Perit Rizzo Naudi, mis-somma imħallsa bħala depożitu ta' €6320.91, is-somma li trid tiġi rimborsata mill-intimat lir-rikorrenti hi ta' €1952.17;

Illi din il-pendenza ħolqot inkonvenjenza lir-rikorrenti li ilha daż-żmien kollu li harġet il-flus mingħajr ma ħadet dak miftiehem mal-intimat u lanqas ħadet rimbors mingħand l-istess intimat;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Marie Cassar Demajo u Jordna lill-intimat Frankie Galea jirrifondi lir-rikorrenti Marie Cassar Demajo is-somma ta' €1952.17 kif ukoll Jordna lill-intimat Frankie Galea iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' €70 stabbilita minn dan it-Tribunal bħala danni morali għall-inkonvenjenza maħluqa u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jiġu sopportati unikament mill-intimat Frankie Galea.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TEL.(+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888